Minuti tal-erbgħa u erbgħin (44) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fis-Sala tal-Kommunita nhar it-Tnejn 28 ta' Marzu 2011 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Assenti: | Il-Kunsillier Lorry Apap |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permezz ta' talba.

Is-Sindku spjega li l-laqgħa kellha ssir nhar il-Ħamis 17 ta' Marzu pero, is-Segretarju Eżekuttiv kien bis-*sick leave* u għaldaqstant il-laqgħa kellha tiġi posposta. Huwa nforma wkoll lill-Kunsill li l-Kunsillier Lorry Apap illum kien bis-*sick leave.*

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti tqassmu qabel il-laqgħa u ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Minuti.

## 3. QARI TAL-MEMOS, ILMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### 3.1 Memos

3.1.4 Memo 11/2011 – Użu tas-Sistema tal-*Customer Care*
3.1.5 Memo 12/2011 – Ftehim Kuntratt dwar ix-Xogħolijiet ta' Manutenzjoni fuq l-Oqsma tal-Bini tal-Gvern
3.1.6 Memo 13/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 23980
3.1.7 Memo 14/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 23983
3.1.8 Memo 15/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 23992
3.1.9 Memo 16/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 23993
3.1.10 Memo 17/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24006
3.1.11 Memo 18/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24294


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

3.1.12 Memo 19/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24314
3.1.13 Memo 20/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24317
3.1.14 Memo 21/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24323
3.1.15 Memo 22/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24523
3.1.16 Memo 23/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24558
3.1.17 Memo 24/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24446
3.1.18 Memo 25/2011 - Mistoqsija Parlamentari Numru 24447

**3.2 Korrispondenza Prinċipali**

3.2.1 Kawża Pawla Cassar vs Kunsill Lokali Fontana: L-Avukat Angele Formosa nfurmat lil Kunsill li l-kawża ġiet diferita għal 5 t'April 2011 u staqsiet lill-kunsill kif ser jibqa fuqha. Il-Kunsill, wara diskussjoni, qabel li jkompli bil-kawża. L-avukat għandha tiġi nfurmata b'dan.

Il-Viċi Sindku daħal fil-kamra fis-6.00pm

3.2.2 Il-Kappillan bgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Kunsill talli l-Kunsill qabel li jagħtih permess li juża s-Sala tal-Komunita' għal quiz tat-tfal f'għeluq il-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa.

3.2.3 Il-MEUSAC infurmawna li ser toħroġ sejħa għall-applikazzjoni taħt Measure 313. Is-Sindku ppropona u l-membri tal-Kunsill qablu li napplikaw sabiex titkompla t-tieni fażi ta' Triq Wied Siekel.

3.2.4 L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali infurmawna li jrid isir ħlas ta' €18.00 bħala pagament lil *Performance Right Society*. Il-membri tal-Kunsill qablu.

3.2.5 L-Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali nfurmawna li nhar l-20 u 21 ta' Mejju 2011 ser issir laqgħa tas-Sindki ġewwa l-Lukanda Dolmen, il-Qawra. Il-Viċi Sindku qal li hu ser jattendi.

3.2.6 B'referenza għall-iskema ta' PPP fuq toroq, ġejna mitlubin ninfurmaw lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kemm jiġi jiswa x-xogħol jekk isir mill-kuntrattur li għandu l-Kunsill bħalissa. Il-membri tal-Kunsill qablu li ngħaddu din l-*email* lill-Perit tal-Kunsill.

3.2.7 Kif kien maqbul, is-Segretarju Eżekuttiv talab kjarifika rigward Tender FONT *06/2010 - Demolition of existing structure and construction of second phase of Fontana Civic Centre* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ir-risposta li ngħata l-Kunsill kienet li l-Kunsill aħjar jitkellem mal-awtoritajiet kompetenti (eż MEPA,pulizija eċċ).

3.2.8 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nfurmana li l-Kunsill ikkwalifika għall-għajnuna taħt Memo 10/2010 – Skema dwar Proġetti ta' Enerġija Alternattiva. Għaldaqstant il-Kunsill ġie mgħoti €5,600 f'għajnuna finanzjarja għal dan il-proġett. Ġie maqbul biex il-Kunsill jagħmel laqgħa mas-Sur Anthony Cassar, tal-


Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Fontana Cottage Industry (sid il-post fejn il-Kunsill qiegħed jippropona li jitwaħħlu l-pannelli fotovoltajiċi taħt din l-iskema).

3.2.9 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali talabna nibgħatu artiklu qasir (ta' madwar 100 kelma) li jinkludi nformazzjoni fuq il-lokalita. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jieħu ħsieb li jibgħat dan l-artiklu.

**3.3 Ilmenti / Suġġerimenti**

3.3.1 Mariella Gatt li toqgħod fi Triq l-Isptar San Ġiljan infurmat lil Kunsill li qabel kien hemm bozza mwaħħla mal-ħajt bejn tagħha u dak tar-resident ta' aktar il-fuq minnha. Din il-bozza nqalgħet minn hemm (sabiex jiġu nstallati l-fanali *energy saving u environment friendly*) u twaħħlet oħra aktar l-isfel. Hi qiegħda tgħid li issa tinsab fid-dlam u għaldaqstant qiegħda titlob sabiex din terġa titwaħħal fejn kienet.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fanal ma twaħħalx minflok din il-bozza għar-raġuni li kien hemm oġġezzjoni biex ma titwaħħalx hemm.

Il-Viċi Sindku qal li ser ikellem lil ħuh Ġorġ sabiex jara jekk isibx oġġezzjoni jekk il-Kunsill imexxiex il-fanal għal fejn kienet din il-bozza peress li hu jieħu ħsieb din id-dar għar-raġuni li s-sid huwa msiefer.

3.3.2 Raymond Zammit, Direttur ta' Zammit Aluminium Ltd, bgħatilna *email* fejn infurmana li nhar is-Sibt 5 ta' Marzu 2011 fit-3.19 ta' filgħodu il-*cameras* tiegħu tal-fabbrika irregistraw li daħal stranġier fil-bitħa tal-fabbrika. Hu kompla billi qal li dan l-istranġier ma kienx interessat li jisraq lilu iżda ta' rankatura biex jistudja kif jista jgħaddi għal Triq is-Sajjieda. Is-Sur Zammit qal li hu għamel rapport l-għassa.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal ukoll li kienu avviċinawh xi residenti ta' din iż-żona fuq l-imsemmi każ u hu ppropona li l-Kunsill jikteb ittra lill-Pulizija u nitolbuhom biex bejn is-siegħa u l-erbgħa ta' filgħodu ikun hemm sorveljanza f'din iz-zona. Il-Kunsill qabel.

## 4. GĦOTI TAL-OFFERTI

Peress li l-Kunsill kien għadu ma rċeviex risposta mingħand id-Dipartiment sabiex jiġu kkjarifikati ċertu punti fuq xi offerti li ħareġ il-Kunsill, dawn ma setgħux jiġi diskussi.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Peress li l-offerta li ssottometta Gatt Tarmac Ltd taħt l-offerta Nru FONQ 04/2010 – Restawr tal-Għajn tal-Loġoġ kienet għolja, il-Kunsill qabel (fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Perit inkarigat) sabiex jerġa joħroġ l-offerta mill-ġdid.

## 5. APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET

Il-kontijiet mehmużin ma' dawn il-minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill.

## 6. MATERJI OĦRA

6.1 Il-Kunsillier Victor Cefai innota li fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili hemm bieb ta' post li hu mkisser. Hu qal li hemm xi ndividwi li qegħdin jidħlu ġo dan il-post abbandunat. Is-Sindku qal li hu ser jikkuntatja lis-Sur George Sacco li hu sid dan il-post sabiex jirranġa l-bieb.

6.2 Peress li l-polza tal-assigurazzjoni tal-Kunsill waslet biex tiskadi f'Mejju 2011, ġie maqbul illi l-Kunsill joħroġ offerta għal tlett snin sabiex b'hekk ikun jista' jġib prezzijiet aħjar.

6.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li:

6.3.1 Bir-riħ qawwi li ħakem lil pajjiżna fit-18 ta' Frar tkisser fanal tal-Belvedere ta' Triq Ta' Mulejja u globu fuq iz-zuntier tal-Knisja.

6.3.2 Inbnew żewġ filati ta ċint fit-Triq tax-Xlendi li kienu ta' periklu għal kull min jgħaddi minn dawn l-inħawi. Dan ix-xogħol sar mill-ħaddiema tal-Kunsill peress li d-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi baqa ma għamel xejn.

6.3.3 Transport Malta wettqu l-ilment li kien ressaq is-Sur Martin Azzopardi li kien jirrelata mal-parkeġġ li hemm fejn l-ispiżerija fi Triq tal-Għajn, Fontana.

6.3.4 It-tappieri li kien hemm fit-Triq tax-Xlendi ġew irranġati mill-kuntrattur li ħa ħsieb ix-xogħolijiet ta' din it-triq peress li kienu qegħdin jagħmlu ħafna storbju kull meta xi vettura tgħaddi minn fuqhom.

6.3.5 Is-Sindku ppropona li tinxtara xi ħaġa żgħira bħala ringrazzjament lis-Sinjorina Josephine Borg li għal sentejn wara xulxin ippreżentat Jum il-Fontana mingħajr ma talbet ebda pagament. Il-membri tal-Kunsill qablu.

6.3.6 Twaħħlet il-grada quddiem it-tieqa tal-MultiPurpose Room, minn Pupull Attard.

6.3.7 Inxtrat żebgħa sabiex il-ħaddiema tal-IPSL ikomplu jirranġaw il-*Pumping Station* ta' Wied il-Lunzjata.

6.3.8 Is-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai attendew għaċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni tal-*Community Involvement Award* li saret ġewwa l-Westin Dragonara, Malta. Il-Kunsill ingħata trofew u premju ta' €5,000.

6.3.9 Is-Sindku ppropona li nhar l-10 ta' April 2011 ssir ħarġa soċjo-kulturali ġewwa Malta. Il-ħlas ikun bħas-soltu (€2.50 għar-residenti u €10.00 għal dawk li mhumiex residenti tal-Fontana).

6.3.10 Is-Sindku spjega li ser terġa toħroġ sejħa taħt Eko-Għawdex sabiex dawk il-Kunsilli Lokali li ma ikkwalifikawx għall-massimu tal-fondi (€70,000 kull Kunsill), ikollhom l-opportunita li jerġgħu japplikaw. Ġie maqbul li l-Kunsill japplika sabiex



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

isir it-tindif tal-Wied tax-Xlendi (il-parti li hi fil-konfini tal-Fontana). Ma saritx applikazzjoni taħt l-ewwel sejħa għar-raġuni li kellu jsir mill-Ministeru għal Għawdex bħala proġett taħt eko-Għawdex. Dan kien wieħed mill-ftit proġetti li għalih setgħa japplika l-Kunsill taħt din l-iskema. Barra minhekk ġie maqbul li napplikaw sabiex jinbidlu l-bozoz tat-toroq Triq is-Sajjieda, Trejqet Dun Ġużepp Grima, Triq Wied Siekel, Trejqet il-Qalb ta' Ġesu, Triq San Martin u Triq ta' Mulejja, sabiex dawn ikunu *energy saving u environment friendly.*

6.3.11 Is-Sindku ppropona li titwaħħal *noticeboard* oħra fi Triq il-Kappillan Hili peress sabiex ir-residenti fil-parti ta' fuq tar-raħal ikollhom aċċess aktar faċli għan-*notice board* tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv kellem lil Perit John Saliba u hu nfurmah li jekk din tkun ta' ċertu qies ma jkunx hemm bżonn ta' permessi mill-MEPA.

6.3.12 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu twaħħlu *bollard* u *railing* fi Pjazza l-Għejjun, li kienu nqalgħu f'Ġunju li għadda.

6.3.13 Saret tiswija u manutenzjoni fuq in-*notice board* tal-Kunsill li twaħħlet ħdejn l-uffiċċju tal-Kunsill.

6.3.14 Il-ħaddiema tal-Kunsill qegħdin jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni u tindif kull fejn hemm bżonn, kif ukoll qegħdin jiżbgħu s-sinjali tat-traffiku.

6.3.15 Il-ħarruba ta' Triq il-Kardinal Alessandro Franchi kien għada ma ġietx miżbura. Il-Viċi Sindku qal li ser jieħu ħsieb li din ser tinżabar mid-Dipartiment tal-Proġetti u Żviluppi.

6.3.16 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali kien talab lil Kunsill biex jikteb artiklu ta' madwar 100 kelma li jinkludi informazzjoni fuq il-lokalita sabiex jiġi ppublikat fuq Airmalta SkyLife Magazine.

6.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiem tal-Kunsill Joe Mercieca kien ħadem 12 il-siegħa matul l-attivitajiet ta' Jum il-Fontana. Għaldaqstant ġie maqbul li peress li ħadem 7 siegħat matul il-ġranet tax-xogħol normali (li jingħataw bis-siegħa siegħa u nofs) u 5 oħra matul il-Ħadd (li jingħataw bis-siegħa sagħtejn) jingħatawlu 20 ½ siegħat *time-off in-lieu*.

6.3.18 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċivejna konferma mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jingħatalu 9% bħala *performance bonus*.

6.3.19 Il-Kunsill Lokali ġie infurmat minn Mons Giovanni Gauci, Arċidjaknu/ Kapitlu Katuidrali ta' Għawdex, illi fuq il-qabar ta' Mons Isqof Nikol G Cauchi ser jitwaqqaf monument. Peress li l-Parroċċa tal-Fontana kienet l-ewwel u l-unika Parroċċa li fiha l-Isqof Cauchi serva bħala Kappillan qabel il-ħatra tiegħu bħala Isqof il-Kunsill Lokali tal-Fontana qiegħed jiġi mitlub sabiex joffri donazzjoni sabiex jinbena dan il-monument. Il-Kunsill qabel li jieħu parir mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk jistgħax jagħti donazzjoni.

6.3.20 Il-Kunsill irċieva kont mingħand George Schembri għat-tiżjien tal-Milied fi Triq tal-Għajn li kien jammonta għal €549.88. Il-Kunsill kien qabel li kien ser iħallas €466.00 (VAT inkluż) għal dan it-tiżjien, bħas-snin l-imgħoddija. Għaldaqstant il-



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Kunsill qabel li jħallas €466.00 lill-Knisja Parrokjali, peress li l-Kunsill kien ftiehem mal-Knisja biex jsir dan it-tiżjin u mhux ma George Schembri.

6.3.21 Il-Kunsill kien applika taħt l-iskema ta' eko-Għawdex b'ħames applikazzjonijiet li kienu: *Fundays at Xlendi Bay; Avoidance of Social Exclusion; Surfacing of the remaining part of Triq Wied Siekel, Fontana; Upgrading of Boundary Wall, Pjazza l-Għejjun, Fontana;* u *Installation of Decorative Energy Efficient Luminaries and Light Fittings in Triq il-Qalb ta' Ġesu, Triq il-Għajn, Triq J.G Le Merchant, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi and Church Parvis.* Il-Kunsill ġie infurmat li kkwalifika għall-fondi sabiex jiġu nstallati fanali dekorattivi, *energy saving u environmental friendly* fi Triq il-Qalb ta' Ġesu, fi Triq tal-Għajn, u fi Pjazza l-Għejjun ħdejn ir-*railing*, kif ukoll sabiex isir il-bini tar-replika tal-Għajn tal-Loġoġ fi Pjazza l-Għejjun. Għal dan il-għan il-Kunsill ser jiġi mgħoti massimu ta' €16,482 taħt l-ewwel proġett u sa massimu ta' €6,124 għat-tieni proġett.

6.3.22 Il-Kunsill ġie nfurmat b'diversi *Stop Notices* li l-MEPA bgħatet lir-residenti fil-Fontana. Dawn kienu jirrelataw bir-referenza ECF00084/11 (mibgħuta lil Joseph Curmi fi Triq Għajn Tuta), ECF00017/11 (mibgħuta lil John Mark Vella fi Triq San Martin), u ECF00018/11 (mibgħuta lil Brian Saliba fi Triq San Martin)

6.3.23 Il-membri tal-Kunsill qablu li tinkera s-Sala tal-Kommunita' għal €250 sabiex din tintuża mill-Kummisjoni Elettorali għall-votazzjonijiet għar-referendum li ser isir nhar is-Sibt 28 ta' Mejju.

6.3.24 Fis-27 ta' Marzu, is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef attendew għal-pontikal solemni fl-okkażżjoni tal-mitt sena mit-twaqqif tal-parroċċa li sar fil-Knisja Parrokjali. Dan kien mmexxi mil-Isqof Mons Mario Grech. Wara il-pontifikal sar kxif ta' lapida kommemorativa mal-ġenb tal-Knisja mill-Kappillan Fr. Joseph Bajada u s-Sindku s-Sur Saviour Borg. Din ġiet imbierka minn Mons Isqof Mario Grech.

6.3.25 Nhar is-6 t'April, is-Sindku kellu jattendi għall-seduta oħra tal-Qorti quddiem l-Assitent Gudizzjali Dr. Aaron Attard Hili dwar il-kawża ta' żgumbrament li għamel Anthony Cassar kontra d-Dipartiment tal-Artijiet dwar l-iżgumbrament tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn. Din għal darb'oħra ġiet diferita peress li sar rikors għal diferiment mis-Sur Cassar u ġie milqugħ mill-Qorti.

6.3.26 Nhar l-10 t'April saret ħarġa soċjo-kulturali għar-residenti tal-Fontana f'Malta organizzata mill-Kunsill. Żorna l-attivita tal-Festa Frawli fl-Imġarr, l-*Open Day* fil-Palazz tal-Inkwiżitur fil-Girgenti Xrobb l-Għaġin Park and Sustainable Development Centre f'Marsaxlokk. Attendew 64 persuna fosthom is-Sindku u l-Kunsillier Victor Cefai.

6.3.27 Nhar it-12 t'April s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Aldo Formosa rappreżentant tal-MEUSAC f'Għawdex, dwar l-applikazzjoni li ser jagħmel il-Kunsill skond il-*Measure 313* għall-proġett *Leader* fejn ser issir l-applikazzjoni għat-tieni fażi tal-passaġġ fi Triq Wied Siekel.



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

6.3.28 Nhar l-14 t'April 2011, is-Sindku attenda għal attivita' fl-okkażżjoni tal-ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku f'Għawdex li kien sar nhar l-14 t'April 1961. Waqt l-attivita' ġiet mikxufa lapida kommemorattiva mill-Onor Dr. Chris Said Segretarju Parlamentari li għamel diskors tal-okkażżjoni flimkien mas-Sur Anton Tabone, Chairman tal-Kumitat Organizzattiv, l-Onor Fredrick Azzopardi f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Eċċ Tiegħu Mons Isqof Mario Grech li bierek il-lapida kommemorativa.

6.3.29 Nhar il-15 t'April 2011, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal laqgħa fl-uffiċċju tal-MEUSAC fil-Belt Valletta, dwar l-applikazzjoni għall-fondi mill-Measure 313 taħt il-proġett *Leader* għat-tieni fażi ta' Triq Wied Siekel.

6.3.30 Il-Kunsill irċieva €9,800 fil-kont bankarju mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali taħt Memo 38/2009 – Enerġija Alternattiva. Il-Kunsill kien użu dawn il-fondi sabiex jiġu nstallati pannelli fotovoltajiċi fil-*Playing Field*.

Il-laqgħa spiċċat fis-6.45pm. Laqgħa oħra terġa ssir nhar il-Ħamis 28 ta' April 2011 fil-5.30pm fis-Sala tal-Komunita.

| | |
|---|---|
| Karl Vella | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |



Fontana Local Council
MultiPurpose Room
L-Ewwel Fażi tac-Centru Civiku
Triq ta' Mulejja
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt